MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 814/2010

Louis Padovani għan-nom u in rappreżentanza ta'
**GUILLAUMIER INDUSTRIES LIMITED**
**Vs**

Avukat Dottor Joseph **ELLIS** u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li, b'degriet tat-8 ta' Ottubru, 2010, inħatru bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Anthony Norbert Panzavecchia

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Awwissu, 2010 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent nomine talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju, 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi *"Louis Padovani għan-nom u in rappreżentanza ta' Guillaumier Industries Limited vs Anthony Norbert Panzavecchia"* (Ċitazz. Nru. 694/94FGC) u dan billi għaddew aktar minn

għaxar (10) snin minn meta imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimati Kuraturi Deputati qalu li, għalkemm notifikati, ma kenux jafu l-fatti u żammew sħih il-jedd li jitolbu li jressqu eċċezzjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ;

Rat li r-rikorrent kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati jitħallas mill-kumpannija rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------